MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 13/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Diċembru 2009 għall-habta ta' 10.15 p.m. fi Triq Hal-Qormi, Qormi
1. saq vettura nurmu HAA 416 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta;

2. saq vettura numru HAA 416 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);

3. sar reċediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Marzu, 2009 (Magt. Dr. D. Clarke LL.D) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' mitejn Ewro (€200) u piena ta' priġunerija ta' xahar.

Il-Qorti ukoll a tenur ta' l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 skwalifikat lill-appellant għal żmien xahar milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi mingħajr preġudizzju hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa u gusta.

L-Avukat Ġenerali eċċepixxa li l-appella huwa null għax m'hemmx il-fatti fil-qosor.

Il-Qorti eżaminat x'inkiteb fir-rikors tal-appell dwar il-fatti fil-qosor.

L-appellant kiteb hekk:

'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija, kein hemm rapport li l-imputa kien qed isuq.'

Biex tiddeċiedi dwar din l-eċċezzjoni, il-Qorti kkonsidrat:
(a) Li l-appellant kien ammetta l-imputazzjonijiet (ara fol 68);
(b) L-affidavit ta' WPS 152 S.Haber li qalet li l-appellant kien twaqqaf minħabba li l-vettura ma kinitx koperta b'liċenzja tas-sewqan għaliex il-liċenzja kienet skadiet fil-31 t'Awwissu 2008. Qalet ukoll li l-appellant ma kellux liċenzja tas-sewqan.
(ċ) L-affidavit ta' PC 766 Sergio Schiavone (fol 4) li qal li l-appellant għandu l-liċenzja tas-sewqan miżmuma b'sentenza preċedenti.
(d) L-affidavit ta' PC 840 Matthew Zammit li kkonferma dak li qalu ż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija l-oħra fl-affidavits tagħhom.

Il-Qorti kkonsidrat il-kontenut ta' dawn l-affidavits kif ukoll l-ammissjoni tal-appellant u qed tiddeċiedi li s-sentenza unika dwar il-fatti li tidher fir-rikors promotorju f'dan il-każ hija biżżejjed. Għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

Dwar l-aggravji:

(1) L-appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti m'għamlitx apprezzamenttajjeb tal-fatti. Bir-rispett kollu, meta wieħed iqis l-affidavits u l-ammissjoni tal-appellant, ma jidhirx li dan l-aggravju għandu xi bażi. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

(2) It-tieni aggravju huwa dwar li s-sentenza mhix ekwa u ġusta. Fil-fehma tal-Qorti s-sentenza hija fil-parametri tal-Liġi u ma qed tara ebda raġuni għala għandha tiddisturbha. Għalhekk qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad iż-żewġ aggravji u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fil-21 ta’ Diċembru 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------